



Brussell, 27 ta' Frar 2019
(OR. en)

6622/19

SOC 149

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Dimensjoni soċjali tal-Ewropa wara l-2020 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza, bi tnejn għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill EPSCO tal-15 ta' Marzu 2019.

Dimensjoni soċjali tal-Ewropa wara l-2020

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill EPSCO tal-15 ta' Marzu 2019

Id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa hija imperattiv ekonomiku daqs kemm hija rekwiżit politiku. Is-suċċess tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea jiddependi bil-biċċa l-kbira kemm mill-effiċjenza tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi ta' protezzjoni tiegħu kif ukoll mill-kapaċità tal-ekonomiji Ewropej li jaddattaw għax-xokkijiet.

Fuq din il-premessa, l-Istrateġija Ewropa 2020 ġiet stabbilita fl-2010 bħala strateġija għat-trasformazzjoni tal-UE f'ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva bil-ħsieb li twassal għal livelli għolja ta' impjeg, produttività u koeżjoni soċjali.

Il-White Paper dwar il-futur tal-Ewropa adottata mill-Kummissjoni Ewropea fl-1 ta' Marzu 2017 nediet dibattitu wiesa' dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea mas-27 Stat Membru. Fid-9 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni fetħet ukoll l-ewwel konsultazzjoni pubblika dwar dan is-suġġett. Ir-rapport finali ser jiġi ppreżentat fl-ewwel Summit tal-UE27 f'Sibiu, ir-Rumanija fid-9 ta' Mejju 2019.

F'April 2017, id-Dokument ta' Riflessjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa nieda dibattitu topiku bil-ħsieb li jiġu ċċarati żewġ elementi ta' importanza kbira għall-futur soċjali tal-UE: Liema sfidi għandhom jindirizzaw flimkien il-pajjiżi tagħna f'dan il-qasam? U x'valur miżjud jistgħu joffru l-istrumenti eżistenti tal-UE?

Fit-30 ta' Jannar 2019, b'rabta mal-prospettiva internazzjonali, il-Kummissjoni ppreżentat Dokument ta' Riflessjoni dwar Ewropa aktar sostenibbli sal-2030, bil-għan li jstimula diskussjoni dwar kif isir is-segwitu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-UE.

Fuq l-isfond ta' inugwaljanzi kontinwi bejn l-Istati Membri, il-persistenza ta' żbilanċi ekonomiċi u soċjali tista' tipperikola l-konverġenza ekonomika u soċjali u hija sors potenzjali ta' instabbiltà politika u ekonomika fl-Istati Membri kollha. Hemm hteġa ċara li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa tissaħħaħ billi tibni fuq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar Ewropa aktar sostenibbli jenfasizza l-fatt li l-Pilastru Soċjali ser iservi ta' qafas għall-azzjoni Ewropea li jindirizza l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli rilevanti, u jikkontribwixxi għall-kisba ta' tkabbir ekonomiku ekwu u sostenibbli. Għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pilastru, jistgħu jintużaw l-istrumenti eżistenti kollha: il-leġislazzjoni, il-koordinazzjoni ta' politika ekonomika u l-appoġġ finanzjarju.

It-twettiq tal-Pilastru Soċjali huwa impenn politiku kondiviż għalina lkoll. Billi nkomplu nibnu fuq, nistgħu nuru li l-Ewropa tista' tirrispondi għall-isfidi soċjali l-ġodda bħall-hteġa ta' ħliet ġodda, id-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, il-hteġa ta' tkabbir sostenibbli li ma jħalli lil ħadd warajh, it-tixjiħ tas-soċjetajiet tagħna, l-inugwaljanzi dejjem jiżdiedu u l-isfida tal-integrazzjoni tal-migranti u ta' komunitajiet oħra fir-riskju li jisfaw emarġinati.

Waqt li qed tiffurma viżjoni ġdida għall-Ewropa wara l-2020, huwa importanti li b'mod korrett jiġi vvalutat il-progress li sar lejn l-oġettivi li kienu stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020. Fl-istess waqt, il-viżjoni l-ġdida għandha tqis l-eżitu tar-rapport reċenti tal-Kummissjoni dwar id-djalogu taċ-ċittadini u l-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini dwar il-futur tal-Ewropa, sabiex l-UE tkun lesta li tirnexxi fl-oqsma li huma l-aktar importanti għaċ-ċittadini.

Fuq dan l-isfond, il-Ministri huma mistiedna jikkunsidraw dan li ġej:

1. *Liema huma l-aspetti ewlenin li għandhom jiddefinixxu d-dimensjoni soċjali futura?*
2. *Waqt li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jitqies li jipprovdi kumpass għal proċess imġedded ta' konverġenza 'l fuq, x'ser ikunu l-oqsma ta' azzjoni prijoritarji għall-UE u l-Istati Membri sabiex jippreservaw u jtejbu il-mudell soċjali Ewropew wara l-2020?*